# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAS-27 TA' MEJJU, 2021

**Kawża Numru: 7**

**Rikors nru. 545/2020**

**Rikors ta' Brian Lia tat-3 ta' Lulju 2020 fl-atti**

**tal-Ittra Uffiċjali nru 1607/2020 fl-ismijiet:-**

**Mark Gaffarena (K.I. 447176M)**

**vs.**

**Brian Lia (258676M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Brian Lia** ppreżentat fit-3 ta' Lulju, 2020 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur ta' l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti ġie notifikat b'ittra uffiċjali numru 1607/2020 fl-ismijiet premessi datata 19 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema Mark Gaffarena qed jittanta jirrendi eżekuttiva kambjala wahda tal-valur ta € 70,000 maħruġa fl-20 ta Novembru 2015 u ezegwibbli xahar wara u cioe Dicembru 2015.

Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-ittra uffiċjali hi ineffikaċi u ma tistax isservi biex tirrendi eżekuttiva din il-kambjala imsemmija fil-paragrafu preċedenti, u dan ghaliex jezistu ragunijiet gravi u sufficjenti sabiex tali kambjala tigi opposta u dan fost l-oħrajn għas-segwenti raġunijiet:

1. Fl-ewwel lok, l-intimat jehtieg jispjega r-raguni ghaliex inharget din il-kambjala tal-valur ta € 70,000 ghal xahar wiehed u cioe minn Novembru 2015 ghal Dicembru 2015.

2. Illi l-verita hija fermi l-boghod mill-pretensjoni tal-mittenti u dan peress li r-rikorrenti, li huwa kuntrattur, gie mqabbad mill-istess intimat sabiex jaghmel xogholijiet estensivi ta skavar u bini gewwa ghalqa fil-limiti tal-Maghtab li kellha tinbidel f'razzett tal-fniek u dan fl-2015, xoghol li baqa ghaddej sa ftit xhur ilu.

3. Illi fl-istess zmien l-intimat nbdew proceduri kontra tieghu fil-Qrati ta Malta u li bhala konsegwenza kien hemm riskju li l-assi u l-flus kollha kontanti tieghu jinqabdu permezz ta xi mandat, u ghalhekk l-intimat stess talab lir-rikorrenti jhallas ammont sostanzjali tax-xoghol minn qabel u dan biex jizgura li x-xoghol isir, jitkompla u ma jieqafx.

4. Illi huwa fil-fatt hallas € 70,000 bhala depositu akkont tax-xoghol li kellu jsir, parti ghal xoghol li kien sar diga, u talab lir-rikorrenti jiffirmalu kambjala tal-istess valur, illum nafu li din saret b'qerq u bil-hazen, bl-iskuza li x-xoghol kien ghadu fil-bidu u l-hlas ta dan l-ammont kien eccessiv u ried iserrah mohhu li fil-kaz li xoghol ma jsirx huwa jiehu flusu

lura, tanti li r-rikorrenti fehem li din il-kambjala kienet biss forma ta garanzija ghat-twettiq tax-xoghol li kien gie inkarigat li jaghmel u xejn izjed.

5. Illi fil-fatt kienet saret korrispondenza f'dan ir-rigward fid-29 ta Marzu 2016 permezz tal-avukati rispettivi tal-partijiet fejn gie spjegat li l-valur tal-kambjala kien diga intuza kontra x-xogholijiet kollha li kienu saru u li kien ghad fadal bilanc x'jithallas.

6. Illi r-rikorrenti ilu zmien twil jitlob l-hlas tax-xoghol li ghamel fl-istess sit gewwa l-Maghtab u dan peress li l-valur tax-xoghol huwa ferm iktar gholi minn €70,000 kif jista facilment jigi ikkonfermat mill-perit tieghu stess.

7. Illi kontestwalment ma dan ir-rikors inharget ittra ufficjali kontra l-isess intimat u dan sabiex ir-rikorrenti jitlob l-hlas tax-xoghol li wettaq fuq struzzjonijiet tal-intimat.

8. L-esponenti jħossu ferm aggravat bl-atteġjament u l-qerq muri mill-mittenti, apparti l-fatt li l-esponenti qed isofri danni inġenti bin-nuqqas ta' hlas tal-mittenti li issa għandu l-wiċċ ukoll jippretendi u jivvanta xi dritt fuq xi ħlas ta' kambjala mingħajr ma jonora l-obbligi pattwiti minnu.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti, filwaqt li jirriserva id-dritt li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri u jressaq provi ulterjuri, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-ittra uffiċjali in kwistjoni hi nulla u bla effett u dan peress li jezistu ragunijiet gravi u sufficjenti sabiex t-talba fuq l-ammont dovut hekk kif kontenuta fl-istess ittra assulutament ma tikkorispondix mal-verita u dan in vista tar-rikors odjern u l-vertenza esistenti bejn il-partijiet,

2. In difett, u fi kwalsiasi każ, tiddikjara li fid-dawl tas-suespost il-kambjala ma tistax tigi kkunsidrata indipendentement mill-kuntratt ta appalt bejn il-partijiet a bażi ta' liema inħarġet u li għalhekk il-ħlas relattiv tagħha se ma tista' u għandha tiġi meqjusa biss fid-dawl tal-kuntratt bejn il-partijiet,

3. Fi kwalsiasi każ, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala kif ukoll ordna is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' kull mandat li seta' inħareġ mill-mittenti a bażi ta' l-ittra uffiċjali premessa.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Mark Gaffarena** ppreżentata fis-7 t'Awwissu, 2020 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet tar-rikorrent Brain Lia huma infondati fil-fatt u fi dritt u dan stante li x-xoghol ta' appalt imsemmi mir-rikorrenti, ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kambjala odjerna li taghha l-esponenti Mark Gaffarena qed jitlob l-esekuzzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma huwiex minnu li l-esponenti b'xi mod jew b'iehor prova jakkwista xi tip ta' garazija biex issir xi xoghol, izda l-garazija li ried l-esponenti kien propju biex jithallas tal-flus li huwa gentilment u bla tlaqiq ghogbu jislef lir-rikorrenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jissottometti li r-rikors odjern gie intavolat biss biex itawwal iz-zmien ghall-hlas u in oltre biex jimmizgwida lil din l-Onorabbli Qorti stante li huwa legalment illogiku li tintuza l-mekkanizmu tal-kambjala kif qed jinghad mir-rikorrenti fir-rikors tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-ftehim ta' xoghol ta' appalt imsemmi mir-rikorrenti qed elenkat f'pagna tnejn (2) fil-konvenju datat tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbtax (2014) redatt minn Nutar Pubbliku Dr. Ruben Casingena LL.D hawn anness u mmarkat Dok. A,

liema ftehim jghid b'mod car li xogholijiet kellhom jiswew is-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000);

Illi sussegwetament l-kuntratt finali bejn il-partijiet baqa' ma sarx stante li r-rikorrenti minflok il-flat gewwa Triq Apap Bologona, Marsaskala ried flus, liema hlas l-esponent wettaq fl-intier taghhom kif jixhdu l-kopji tac-cekkijiet hawn annessi u mmarkati Dok. B;

Illi infatti jidher car ukoll li l-esponenti silef l-ammont ta' sebghin elf euro (€70,000) zmien wara li sar il-ftehim ta' appalt imsemmi, fejn sahhansitra l-esponenti kien diga wettaq l-hallas maqbula bejniethom dak ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) u ghalhekk jidher ben car li hawn hekk qed nitkelmu fuq zewg negozji kompletament differenti u independenti minn xulxin ;

Illi infatti u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda procedura quddiem l-Qrati Maltin rigward dak allegat mir-rikorrenti kif inghad mill-istess rikorrenti, u kien biss wara li l-esponenti intavola l-ittra ghal-eskuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253 (e) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrenti intavola ittra ufficjali liema ittra giet respinta mill-esponenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu dak li qed jallega r-rikorrent u ċjoè li l-ammont pretiż tħallas permezz ta' xogħolijiet li saru minnu anzi ghall-kuntrarju l-esponenti kellu jingagga appaltaturi ohrajn biex jitkompla x-xogħol rikjest minnu. Kieku sar dak allegat mir-rikorrenti, hu kien jitlob li jingħata l-kambjala mingħand l-esponent. Fi kwalunkwe każ huwa r-rikorrenti li jrid jipprova li sar il-ħlas.

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (JRM), fis-07. 03. 2008 fl-ismijiet 'Gaffarena Holdings Limited vs. Seaborg Co. Limited', fejn l-Onorabbli Qorti rritenit li r-raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin

mil-liġi speċjali – il-kodiċi tal-kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas, u nikwota:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħal tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li tressaq speċifikament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun."*

Illi għalhekk bħala prinċipju, il-kambjala għandha ħajja awtonoma u indipendenti min- negozju li jkun wassal biex tiġi maħruġa.

Illi mingħajr pregudizju ghas-suespost jekk fil-*pessima ipotesi* dina l-Onorabbli Qorti tabbraċċa u taċċetta r-raġunament tar-rikorrent Brian Lia, dan iwassal għal stultifikazzjoni ta' *raison d'etre* ta' kambjala fil-kamp kummerċjali.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea mal-gurisprudenza vasta, tal-Qrati nostrana qisu illi s-sospensjoni, minħabba inċertezza dwar l-ammont mhix xi raġuni valida u lanqas gravi kif imfissra mil-liġi u hi fil-fehma tal-Qorti illi tali raġuni hi sempliċiment pretest sabiex r-rikorrenti jigwadanja aktar żmien sabiex jħallas lill-esponenti.

Jingħad illi x'jirrappreżentaw l-ammont msemmija l-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż d-deċiżjoni reċenti tagħha *Joseph Mamo vs. Joseph Zammit* (Rikors Numru 981/2013) deċiża l-15 ta' Lulju 2014:

*'il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi tranżazzjoni kummerċjali oħra u dan kif ġie deċiż l-kawża Charles Gatt vs. Joseph Vassallo Gatt – deċiża mill- Qorti tal- Kummerċ nhar il-15 ta' Novembru, 1993, fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala ġiet ammessa, ġiet ikkreata obbligazzjoni ad hoc għalkollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet ppreċedieha".'*

Illi għalhekk, il-Qorti tifhem li r-raġuni miġjuba mill-eżekutat mhijiex waħda li twassal biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament;

Illi ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati u ghalhekk l-esponenti umilment jhoss li fil-kas odjern *prima facie* ma jeżistux ir-raġunijet, skont is- sub-artikolu imsemmi mir-rikorrenti, biex l-istess rikorrent jikkontesta l-ezekuzzjoni tal-kambjala permezz ta' evetwali kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li ser jigu trattati fil-mori tal-kawza;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant u invista ta' dak suespost l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan taht dawk l-provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fi cirkostanzi.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat ix-xhieda tal-partijiet u d-dokumenti minnhom ippreżentati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Fid-19 ta' Ġunju 2020 Mark Gaffarena ippreżenta ittra ġudizzjarju fejn bis-saħħa tagħha interpella lil Brian Lia sabiex iħallas is-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000) flimkien mal-imgħax, liema somma ġiet dovuta wara li kambjala skadiet u baqgħet ma tħallsitx. L-għan wara din l-ittra kien sabiex il-kambjala tiġi reża esegwibbli ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12. Din il-kambjala inħarġet fl-20 ta' Novembru 2015.

Ir-rikorrent Lia permezz tal-azzjoni odjerna u għar-raġunijiet mogħtija fir-rikors promotur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-ittra uffiċċjali tad-19 ta' Ġunju 2020 hija nulla u bla effett u dan peress li hemm raġunijiet gravi sabiex it-talba fuq l-ammont dovut ma tikkorrispondix mal-verità. Ir-rikorrent jitlob ukoll li in difett u fi kwalunkwe każ tiddikjara li l-kambjala ma tistax tiġi kkunsidrata indipendentement mill-kuntratt t'appalt bejn il-partijiet a bażi ta' liema inħarġet u se mai l-ħlas għandu jiġi biss meqjus fid-dawl tal-kuntratt bejn il-partijiet. Finalment Lia talab ukoll is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. L-intimat għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta ġuramentata qiegħed jopponi li dawn it-talbiet jiġu milqugħa.

Ikkunsidrat;

Ir-**rikorrent Lia** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li huwa kuntrattur tal-bini u li lil Mark Gaffarena ilu jafu snin twal u ħadimlu diversi drabi. Jgħid li fl-2015 Gaffarena talbu sabiex jagħmillu xogħol ta' skavar u bini ġewwa għalqa fil-limiti tal-Magħtab u peress li kien għadu kif spiċċa jaħdem fuq post ieħor ta' Gaffarena ma kienx hemm għalfejn jiftehmu fuq rati. Jgħid li huwa qabad jaħdem fuq dan is-sit wara li terzi kienu diġà bdew ix-xogħol. Jgħid li huwa rranġa x-xogħol ħażin li sar minn dawn it-terzi u wara kompla jibni skont il-pjanti. Lia kompla jgħid hekk "fl-istess zmien Mark Gaffarnea infurmani li kien hemm proceduri kontra tieghu fil-Qrati ta' Malta u li kien hemm riskju li l-assi u l-flus kollha tieghu jinqabdu permezz ta' xi mandat jew ordni tal-Qorti, u ghalhekk huwa stess ried ihallas ammont sostanzjali tax-xoghol minn qabel u dan biex jiżgura li x-xoghol isir, jitkompla u ma jieqafx."[1] Ikompli jgħid li huwa beda jitħallas permezz ta' ċekkijiet separati li flimkien però jammontaw għal sebgħin elf ewro (€70,000) li huwa beda isarrafhom mill-ewwel u qatt ma depożitahom. Ix-xhud jgħid li din is-somma kienet kollha parti għal xogħol li kien sar diġà u parti akkont tax-xogħol li kien fadal isir. Jinsisti li huwa dejjem tħallas b'ċekkijiet u qatt ma tħallas fi flus kontanti. Qal li f'Novembru 2015 Gaffarena kien talbu jiffirma kambjala waħda tal-istess valur ta' flus li kien ħallsu u dan skont Lia sar sabiex Gaffarena jserraħ rasu li x-xogħol kien ser jitkompla. Jgħid ukoll li Gaffarena kien qallu li kif ix-xogħol jitlesta l-kambjala titqatta u jagħmlu kont tad-differenza. Lia jinnega li huwa qatt kellu bżonn jissellef xi flus minn għand Gaffarena tant li lanqas hemm kuntratt ta' self. Jikkonkludi li Gaffarena fadallu jagħtih is-somma ta' €110,000 għax-xogħol li għamillu.

L-**intimat Gaffarena** ppreżenta wkoll affidavit. Jibda billi spjega hekk "jien kont slift l-ammont ta' sebgħin elf ewro (€70,000) lis-Sur Brian Lia u bħala garanzija tal-ħlas s-Sur Lia volontarjament iffirma kambjala datata [...] 20/11/2015 għall-ħlas tal-istess somma"[2]. Gaffarena jgħid li huwa

[1] Paġna 30 tal-proċess.
[2] Paġna 35 tal-proċess.

ħallas is-somma ta' €25,000 f'ċekk filwaqt li s-somma ta' €45,000 ħallashom fi flus kontanti. Jispjega li dak inhar li ħallas Lia ffirma l-kambjala. Jispjega li l-kambjala kienet għal xahar wieħed biss għaliex Lia qallu li kien ser iħallsu fi żmien xahar. Jgħid li l-ispejjeż tax-xogħlijiet ġewwa s-sit tal-Magħtab kien ġie valutat fis-somma ta' €35,000 u dan juri l-ftehim tat-8 ta' Lulju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Casingena. Għalkemm il-ftehim kien jgħid li l-ħlas ser isir permezz ta' proprjetà, Lia ma ridtx aktar li jsir il-ħlas b'dak il-mod u għalhekk ħallas l-istess somma permezz ta' ċekkijiet. Gaffarena jinnega li huwa ma ħallasx tax-xogħol li Lia għamillu.

Ikkunsidrat;

L-azzjoni odjerna hija proċedura msejsa fuq l-**Artikolu 253 (e) tal_Kap.12** li testwalment jipprovdi illi kambjali jitqiesu titolu eżekuttivi

> "(e) [...] B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."

Minn qari ta' l-imsemmi provvediment jidher ċar li hemm żewġ raġunijiet għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża, ċioe li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u/jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni ta' l-eżekuzzjoni. F'dak

il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Magħdud ma' dan, fi proċeduri bħal dik odjerna għandha ssir distinzjoni bejn kambjala ġirata lil terzi u kambjali li ma tkunx ġiet iġġirata. Kambjali ġirati lil terzi – *a contrario* ta' dawk li ma jkunux – jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li fuqha tkun inħarġet il-kambjala. Fi kliem ieħor kambjala mhux ġirata ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għal ftehim li wassal għal ħruġ tagħha.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **John Giordimaina vs. Joseph Pace et** (Ċit Nru 3391/1996/2) deċiża fis-16 ta' Jannar 2003, fehb għamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

> "Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girgata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.
>
> L-iskop ta' kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet

ghall-dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m'ghandiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghall-kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall- ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965)."[3]

In oltre ġie ritenut li meta l-kambjala ma tkunx ġiet ġirata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħal-kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju. Dan magħdud it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament.

Il-proċedura odjerna hija waħda sommarja, fejn l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti hija waħda ta' prima facie, u għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħmilx referenza speċifika għal 'prima facie' jew 'mad-daqqa t'għajn', il-bon sens jitlob li l-analiżi dettaljata għandha ssir fil-proċeduri li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan iwassal ukoll għal ħsieb li l-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul. In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet **Charles Gatt noe vs. Joseph Vassallo Gatt noe** mogħtija fil-15 ta' Novembru 1993 fejn ġie ritenut li:-

[3] Ara wkoll **Dr. Ivan Gatt noe vs. Antoine Bartolo** (App Ċiv 1177/2018) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Lulju 2019 kif ukoll il-ġurisprudenza hemm ikkwotata.

> "Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkunsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import tal-kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."

Hekk kif l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'*actio cambiaria* huma limitati (u dan skont l-**Artikoli 197 u 198 tal-Kapitolu 13**), hekk ukoll huma limitati r-raġunijiet li a bażi tagħhom wieħed jista' jitlob sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Kif jipprovdi l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12, fuq kwotat, ir-raġunijiet għas-sospensjoni huma (a) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmata, u/jew (b) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni.

Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u għalhekk tħalliet fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddetermina liema huma dawk ir-raġunijiet gravi. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Michael Attard Ltd vs. Turista Ltd** (Ċit Nru 785/2012) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet kontemplati mil-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas.

Fil-kawża **Daniel Zerafa pro et noe vs. 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd** (Ċit Nru 667/2013), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013 ikkunsidrat x'jista' jikkwalifika bħala raġunijiet "gravi u validi":

> "It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per

eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."

Hekk meqjusa l-prinċipji ġenerali imiss issa jiġu applikati għal każ odjern.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Brian Lia mhux qiegħed jikkontesta li l-firma fuq il-kambjala in kwistjoni hija tiegħu. Ir-rikorrent pjuttost jikkonferma li huwa iffirma dik il-kambjala li ġiet ippreżentata mal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 2019.

Għaldaqstant l-ewwel raġuni kontemplata fl-Artikolu 253 (e) ma tapplikax għall-każ odjern.

Imiss għalhekk jiġi kkunsidrat jekk hemmx raġuni gravi u validi li prima facie turi li hemm il-ħtieġa li tintlaqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Min-naħa tiegħu r-rikorrent spjega li Gaffarena kien ħallsu €70,000 bħala depożitu akkont tax-xogħol ta' skavar u kostruzzjoni li kellu jsir minnu ġewwa għalqa fil-limiti tal-Magħtab jgħid li għalhekk il-kambjala saret bħala garanzija sabiex fil-każ li x-xogħol ma jagħmlux Gaffarena jieħu flusu lura. L-intimat però eċepixxa li r-raġuni tal-kambjala m'għandu xejn x'jaqsam max-xogħol ta' skavar u kostruzzjoni għaliex dak ix-xogħol kien fil-valur ta' €35,000 u mhux €70,000. Jgħid li l-kambjala saret wara li huwa kien silef lil Lia is-somma ta' €70,000, parti sostanzjali minnhom allegatament saru fi flus kontanti.

Din il-Qorti m'hijiex sejra tiddelibera fuq min minnhom qiegħed ikun veritier fil-verżjoni tiegħu u dan għaliex fi proċeduri bħal dawn odjerni l-eżami li l-Qorti għandha tagħmel huwa dak fuq livell ta' *prima facie*. Fuq dan il-livell din il-Qorti tqis li ġaladarba l-kambjala ma ġietx ġirata l-kambjala in meritu ma akkwistatx natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjali u dan kif ġie diġà meqjus aktar 'l fuq. Għalhekk l-intimat huwa skorrett meta eċċepixxa li "bħala prinċipju, il-kambjala għandha ħajja awtonoma u indipendenti min-negozju li jkun wassal biex tiġi maħruġa."[4]

Jekk huwa minnu li l-flus ingħataw b'self jonqos għalhekk li jiġi ppreżentat il-kuntratt li fuqha ġie kontrattat dan is-self allegat. L-intimat Gaffarena,għalkemm ippreżenta kopja ta' konvenju u kopji ta' ċekkijiet huwa ma ppreżentax xi prova li prima facie turi li silef l-ammont indikat bħala import fil-kambjala de quo.

Min-naħa tiegħu r-rikorrent Lia jinnega li qatt issellef xi flus minn għand l-intimat Gaffarena. Kif diġà ġie dikjarat supra, din il-Qorti mhix ser tesprimi ruħha dwar l-allegazzjonijiet tal-partijiet iżda hija tal-fehma li minn dak li wera r-rikorrent huwa ċar li hemm il-ħtieġa li jsir eżami aktar profond tar-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi ġaladarba jirriżulta illi l-oppożizzjoni tar-rikorrenti għall-eżekuzzjoni tal-kambjala, tolqot kwistjoni inerenti għall-obbligazzjoni li a bażi tagħha nħarġet l-istess kambjala għaliex evidentement, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta proprju l-eżistenza li kien hemm self li jirrappreżenta skont l-intimat l-import tal-kambjala, ir-raġuni mogħtija mill-istess rikorrent in sostenn tat-talba tiegħu għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala, jidher li hija waħda gravi u valida u għalhekk il-Qorti sejra tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala datata 20 ta' Novembru 2015 sabiex eventwalment tiġi istitwita l-azzjoni kambjarja.

[4] Paġna 15 tal-proċess.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa r-rikors tat-3 ta' Lulju 2020 u tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala datata 20 ta' Novembru 2015 ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Mejju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**